1732 1960

# Manoel Theatre

CREMONA

# IL-KUMITAT TAT-TEATRU MANOEL

JIPPREŻENTA

## Lill-MALTA DRAMA LEAGUE

FID-DRAMM

# "IL-KERREJJA"

TLIET ATTI

TA'

GUZE' CHETCUTI

IL-ĠIMGĦA 19, is-SIBT 20 u l-ĦADD 21 TA' APRIL, 1963,

fis-6.30 p.m.

# "IL-KERREJJA"

*Dramm fi Tliet Atti ta'*

*ĠUŻE' CHETCUTI*

## Jieħdu sehem:

| | |
|---|---|
| PATRI BENEDITT | VICTOR APAP |
| KARLA | MARIA APAP |
| LUQA, ir-raġel tagħha | ROBERT MAGRO |
| ĠAKKINA, armla | ĠUŻA TEDESCO |
| DAVID, binha | CHARLES COLEIRO |
| EWKARISTU | VICTOR TEDESCO |
| PINA, bintu | ELSA ROMEI |
| ROŻA | VITORIN GALEA |
| KILLI, ir-raġel tagħha | PAWLU BUGEJA |
| MATTIJA | KARMENU GRUPPETTA |
| IZ-ZIJA NEN | LINA GALEA |
| KRUĊA, bintha | KARMEN AZZOPARDI |
| MARGERITA | INES FARRUGIA |
| PIETRU | JOSEPH P. BORG |
| PAWLU | VICTOR PORTUGHES |
| TONINA | MARGARET CALLUS |

| | | |
|---|---|---|
| *Direttur tal-Palk* | Għall-Malta Drama League | VICTOR SOLER |
| *Irtokk* | | PAWLU BUGEJA |
| *Direttur tal-Palk* | Għat-Teatru Manoel | ETHEL FARRUGIA |
| *Xena u Dwal* | | JOHN LAUS |
| *Booking Office* | | MARGARET DEGIORGIO |

### *Produzzjoni ta' VICTOR TEDESCO*

Ix-xena pinġuta minn Anthony Said.

ŻMIEN

Żmien il-Gwerra, minbarra fit-tieni parti ta' l-aħħar Att: 19-il sena wara, fis-sena 1960.

XENA

**L-EWWEL ATT**

*Bitħa f'Kerrejja.*

**IT-TIENI ATT**

*L-istess xena ta' l-Ewwel Att, imma l-bitħa mżejjna għall-festa.*

**IT-TIELET ATT**

*L-ewwel parti daqsxejn ta' kamra mħaffra taħt l-art li tmiss ma' xelter twil.*

*It-tieni parti: Sala mgħammra sabiħ.*

## SILTA MIR-RAPPORT TAL-BOARD TA' L-EŻAMINATURI

Kieku kien possibbli, mingħajr ma nagħmlu inġustizzja, xejn ma kien jagħtina pjaċir iżjed milli nagħtu premju iżjed għoli lil drammi bħal dan, jiġifieri drammi li huma Maltin mhux biss għax miktubin minn Maltin u bil-Malti imma għax huma projettati kontra l-isfond tal-pajjiż u juru karattri u sitwazzjonijiet tipikament Maltin, fi ftit kliem drammi li jirriflettu l-ħajja Maltija u l-ħsieb Malti fil-mera tal-palk Malti.



***Il-producer —***

***VICTOR TEDESCO***

*Is-Sur Tedesco rebaħ il-premju tal-Malta Drama League għall-aqwa producer fl-1951 u 1959.*

# IL-PALK: KIF NARAH JIEN



Il-Palk jien narah bħal tieqa miftuħa li minnha nista' nħares u nara r-realtà iebsa tal-ħajja: il-ferħ u n-niket, l-illużjoni u d-disillużjoni, il-gratitudini u l-ingratitudini. Dawn huma elementi li jiffurmaw in-natura umana, u fuq dawn l-elementi jien ħdimt sew fir-rumanzi tiegħi "Id-Dawl tal-Ħajja", "Imħabba u Mewt" u "L-Isqaq", kemm ukoll fiż-żewġ drammi "Il-Kerrejja" u "Via Crucis".

Il-moviment realista, dik l-iskola ta' kitba li tiffotografa r-realtà, dejjem ħassejtu jiġbidni. U għalhekk fid-dramm "Il-Kerrejja" fittixt li nagħti sitwazzjonijiet, inċidenti u karattri ħajjin ta' nies li għamilnieha magħhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum, nies li bħalhom għexu f'kull żmien u jibqgħu jgħixu ma' kull żmien għax mhumiex ħolqien ta' l-immaġinazzjoni imma nies tad-demm u l-laħam kif tathom u tibqa' tagħtihom in-natura.

Karattri bħal ta' Ġakkina, Pina, Roża u Mattija huma karattri li bħalhom issib kemm trid jekk tmur fil-bassifondi ta' pajjiżna. Għandhom dawn in-nies is-sabiħ u l-ikreh tagħhom, il-preġji u d-difetti tagħhom, nies fqar, imsawta, maħqura, għajjura u ġellieda, imma minn dal-kwadru oskur toħroġ l-imħabba, il-ħniena, ir-rispett u r-rabta taż-żwieġ.

Il-ħsieb ewlieni tiegħi f' "Il-Kerrejja" kien li nagħti ritratt fidil kemm jista' jkun tal-ħajja ġo kerrejja bil-kuntatti u l-konflitt ta' individwi u ta' familji, imma ridt ukoll f'dan id-dramm noħroġ it-tejżi ta' l-għajnuna u tat-tagħlim li għandhom jingħataw lil din ix-xorta ta' nies biex jintrefgħu mill-gandott, biex ingħid hekk, ta' l-injoranza u ta' l-egoiżmu. Huma nies twajba, nies ta' min igħallimhom u jgħinhom.

Hekk narah il-Palk jien: tieqa miftuħa fuq il-ħajja.

ĠUŻE' CHETCUTI.